

32006R1617

31.10.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 300/5

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1617/2006**ta' l-24 ta' Ottubru 2006****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1207/2001 fir-rigward tal-konsegwenzi ta' l-introduzzjoni tas-sistema ta' akkumulazzjoni ta' oriġini pan-Ewro-Mediterranja**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1207/2001⁽¹⁾ dwar proċeduri biex jiffaċilitaw il-ħruġ taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, il-ħruġ ta' dikjarazzjonijiet u forum tal-fattura EUR.2 u l-ħruġ ta' ċerti awtorizzazzjonijiet approvati ta' l-esportatur taħt id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kummerċ preferenzjali bejn il-Komunità Ewropea u ċerti pajjiżi, jistipula r-regoli maħsuba sabiex jiffaċilitaw il-ħruġ jew tħejjija korretti ta' provi ta' oriġini f'relazzjoni ma' l-esportazzjonijiet ta' prodotti mill-Komunità fil-kuntest tar-relazzjonijiet kummerċjali preferenzjali ma' ċerti pajjiżi terzi.
- (2) Sistema pan-Ewropea ta' akkumulazzjoni djaġonali ta' oriġini ġiet stabbilita fl-1997 bejn il-Komunità, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera (inkluża l-Liechtenstein) u fl-1999 ġiet estiża għat-Turkija. Fl-1 ta' Mejju 2004, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja nqas qadma ma' l-Unjoni Ewropea.
- (3) Fil-Laqgħa Ministerjali Ewro-Mediterranja dwar il-Kummerċ f'Toledo f'Marzu 2002, il-Ministri qablu dwar l-estensjoni ta' din is-sistema għall-pajjiżi Mediterranji, barra t-Turkija, li jieħdu sehem fis-sħubija Mediterranja, ibbażata fuq id-Dikjarazzjoni ta' Barċellona adottata fil-Konferenza Ewro-Mediterranja li saret fis-27 u t-28 ta' Novembru 1995. Fil-Laqgħa Ministerjali Ewro-Mediterranja dwar il-Kummerċ, tas-7 ta' Lulju 2003 f'Palermo, il-Ministri, bil-ħsieb li tali estensjoni tiġi permessa, approvaw mudell ġdid pan-Ewro-Mediterranju ta' Protokoll għall-Ftehimiet Ewro-Mediterranji, li jirrigwarda d-definizzjoni tal-kunċett ta'

"prodotti ta' oriġini" u metodi ta' koperazzjoni amministrattiva. Bħala segwitu għar-riżultati tal-Kumitat Konġunt KE — Gżejjer Faroe/Danimarka tat-28 ta' Novembru 2003, sar qbil li l-Gżejjer Faroe jiġu wkoll inklużi fis-sistema ta' akkumulazzjoni djaġonali ta' oriġini pan-Ewro-Mediterranja.

- (4) Diġà ġew jew sejrini jiġu adottati Deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jew tal-Kumitat Konġunt rispettiv, li jintroduċu l-Protokoll ġdid pan-Ewro-Mediterranju fil-Ftehimiet Ewro-Mediterranji u fil-Ftehim bejn il-KE u l-Gżejjer Faroe/Danimarka.
- (5) L-applikazzjoni ta' dik is-sistema l-ġdida ta' akkumulazzjoni djaġonali timplika l-użu ta' tipi ġodda ta' prova ta' oriġini preferenzjali, li jikkonsisti f'ċertifikati EUR-MED ta' moviment u dikjarazzjonijiet EUR-MED tal-fatturi. Ir-Regolament (KE) Nru 1207/2001 għandu għalhekk iko-provi wkoll dawk it-tipi ta' provi ta' oriġini preferenzjali.
- (6) Sabiex tkun tista' ssir determinazzjoni korretta ta' l-istatus ta' oriġini tal-prodotti u sabiex tkun sostnuta kif jixraq id-determinazzjoni tal-provi ta' oriġini f'dak il-kuntest ġdid, id-dikjarazzjoni ta' min jipprovi għall-prodotti li jkollhom status ta' oriġini preferenzjali għandha tinkludi dikjarazzjoni addizzjonali li turi jekk tkunx ġiet applikata l-akkumulazzjoni djaġonali u ma' liema pajjiżi.
- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 1207/2001 għandu għaldaqstant jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1207/2001 huwa b'dan emendat kif ġej:

- 1) It-titolu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1207/2001 tal-11 ta' Ġunju 2001 dwar proċeduri sabiex jiffaċilitaw il-ħruġ jew it-tħejjija fil-Komunità ta' provi ta' oriġini u l-ħruġ ta' ċerti awtorizzazzjonijiet approvati ta' esportaturi taħt id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kummerċ preferenzjali bejn il-Komunità Ewropea u ċerti pajjiżi"

(¹) ĠU L 165, 21.6.2001, p. 1.

2) Fl-Artikolu 1, il-punt (a) għandu jinbidel b'dan li ġej:

“(a) il-ħruġ jew it-tħejjija fil-Komunità tal-provi ta' oriġini taħt id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kummerċ preferenzjali bejn il-Komunità u ċerti pajjiżi.”.

jkunx fiha informazzjoni biżżejjed sabiex turi l-oriġini vera tal-prodotti, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż ta' l-esportazzjoni għandhom jiddikjaraw bħala invalida l-prova ta' oriġini stabbilita abbażi tad-dokumenti kkonċernati.”.

3) L-Artikolu 2(2) għandu jinbidel b' dan li ġej:

“2. Id-dikjarazzjonijiet ta' min jipprovdi għandhom jintużaw mill-esportaturi bħala evidenza, partikolarment sabiex isostnu l-applikazzjonijiet għall-ħruġ jew għat-tħejjija fil-Komunità tal-provi ta' oriġini taħt id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kummerċ preferenzjali bejn il-Komunità u ċerti pajjiżi.”.

5) L-Anness I għandu jinbidel bit-test li jidher fl-Anness I ma' dan ir-Regolament.

6) L-Anness II għandu jinbidel bit-test li jidher fl-Anness II ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

4) L-Artikolu 10(5) għandu jinbidel b' dan li ġej:

“5. Meta ma jkun hemm l-ebda risposta fi żmien ħames xhur mid-data tat-talba għal verifika jew meta r-risposta ma

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 24 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

ANNEX I

"ANNEX I

Id-dikjarazzjoni ta' min jipprovdi dwar prodotti li jkollhom status ta' oriġini preferenzjali

Id-dikjarazzjoni ta' min jipprovdi, li t-test tagħha jingħata hawn taħt, għandha titħejja skond in-noti f'qiegħ il-paġna. Madankollu, mhuwiex meħtieġ li n-noti f'qiegħ il-paġna jerġgħu jinkitbu.

DIKJARAZZJONI

Jiena, hawn taħt iffirmat/a, niddikjara li l-oġġetti elenkati f'dan id-dokument ⁽¹⁾ joriġinaw fi ⁽²⁾ u jissodisfaw ir-regoli ta' oriġini li jirregolaw il-kummerċ preferenzjali ma' ⁽³⁾.

Niddikjara li ⁽⁴⁾:

☐ Akkumulazzjoni applikata ma' (isem tal-pajjiż/pajjiżi)

☐ Ebda akkumulazzjoni applikata

Nimpenja ruħi li nqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet tad-dwana kwalunkwe dokument ulterjuri ta' sostenn li jeħtieġu:

..... ⁽⁵⁾

..... ⁽⁶⁾

..... ⁽⁷⁾

⁽¹⁾ Jekk biss xi wħud mill-oġġetti elenkati jkunu kkonċernati, għandhom jiġu indikati jew immarkati b'mod ċar u dan l-immarkar għandu jtniżżel fid-dikjarazzjoni hekk:

'..... elenkat fuq din il-fattura u mmarkat ...joriġina fi....'.

⁽²⁾ Il-Komunità, il-pajjiż, il-grupp ta' pajjiżi jew territorju, li minnhom joriġinaw l-oġġetti.

⁽³⁾ Il-pajjiż, grupp ta' pajjiżi jew territorju kkonċernat.

⁽⁴⁾ Għandha timtela', fejn ikun meħtieġ, biss għal oġġetti li jkollhom status ta' oriġini preferenzjali fil-kuntest ta' relazzjonijiet kummerċjali preferenzjali ma' wieħed mill-pajjiżi msemmija fl-Artikoli 3 u 4 tal-Protokol rilevanti dwar l-oriġini, li magħhom tapplika l-akkumulazzjoni ta' oriġini pan-Ewro-Mediterranja.

⁽⁵⁾ Il-post u d-data.

⁽⁶⁾ L-isem u l-kariga fil-kumpannija.

⁽⁷⁾ Firma."

ANNEX II

"ANNEX II

Id-dikjarazzjoni ta' min jipprovdi għal medda twila ta' żmien dwar prodotti li jkollhom status ta' oriġini preferenzjali

Id-dikjarazzjoni ta' min jipprovdi, li t-test tagħha jingħata hawn taħt, għandha titħejja skond in-noti f'qiegħ il-paġna. Madankollu, mhuwiex meħtieġ li n-noti f'qiegħ il-paġna jerġgħu jinkitbu.

DIKJARAZZJONI

Jiena, hawn taħt iffirmat/a, niddikjara li l-oġġetti deskritti hawn taħt:

..... (1)

..... (2)

li huma pprovduti fuq bażi regolari lil (3) joriġinaw fi (4) u jissodisfaw ir-regoli ta' oriġini li jirregolaw il-kummerċ preferenzjali ma' (5).

Niddikjara li (6):

☐ Akkumulazzjoni applikata ma' (isem tal-pajjiż/pajjiżi)

☐ Ebda akkumulazzjoni applikata

Din id-dikjarazzjoni hija valida għall-vjeġġi kollha ulterjuri ta' dawn il-prodotti li jintbagħtu minn:

..... sa (7).

Nimpenja ruħi li ninforma minnufih jekk din id-dikjarazzjoni ma tibqax valida.

Nimpenja ruħi li nqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet tad-dwana kwalunkwe dokument ulterjuri ta' sostenn li jeħtieġu.

..... (8)

..... (9)

..... (10)

(1) Deskrizzjoni.

(2) L-isem kummerċjali hekk kif użat fuq il-fatturi, eż. Nru tal-mudell.

(3) L-isem tal-kumpannija li lilha huma pprovduti l-oġġetti.

(4) Il-Komunità, il-pajjiż, il-grupp ta' pajjiżi jew territorju, li minnhom joriġinaw l-oġġetti.

(5) Il-pajjiż, grupp ta' pajjiżi jew territorju kkonċernat.

(6) Għandha timtela', fejn ikun meħtieġ, biss għal oġġetti li għandhom status ta' oriġini preferenzjali fil-kuntest ta' relazzjonijiet kummerċjali preferenzjali ma' wieħed mill-pajjiżi msemmija fl-Artikoli 3 u 4 tal- Protokoll rilevanti dwar l-oriġini, li magħhom tapplika l-akkumulazzjoni ta' oriġini pan-Ewro-Mediterranja.

(7) Aġti d-dati. Dan il-perjodu ma għandux jaqbeż it-12-il xahar.

(8) Il-post u d-data

(9) L-isem u l-kariga, l-isem u l-indirizz tal-kumpannija.

(10) Firma."